**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 26 ta' Novembru 2020**

Rikors Numru: 146/20 AL

AB

vs

CB

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġurament mir-rikorrent u li permezz tiegħu ippremetta:

1. Illi l-esponent żżewweġ lill-intimata nhar 24 t' April 1991.
2. Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni in atti Nutar Sandra Valentino datat 24 ta' Jannar 2008 (vide kopja tal-kuntratt anness u mmarkat bħala Dok A).
3. Illi ma hemmx kwistjonijiet fir-rigward ta' manteniment jew kwistjonijiet oħra pendenti t'ebda natura bejn il-partijiet.
4. Illi l-partijiet ilhom legalment separati għall-iktar minn tnax-il (12) sena u ma hemm l-ebda prospett ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet.

5. Illi jikkonkorru l-kriterji kollha neċessarji rikjesti mil-liġi għall-ħall taż-żwieġ u għad-divorzju tal-partijiet.

Talab lill-intimata tgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara li ż-żwieġ tiegħu mal-intimata CB hu maħlul u li l-partijiet huma divorzjati għal-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi.

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien mħolli għal daqshekk minn din il-Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan id-divorzju jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-5 ta' Gunju, 2020;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma dehritx ghal dawn il-proceduri u ma pprezentatx risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfaw ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-24 ta' Jannar, 2008;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.